MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 794/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C. Reg. No. C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Cassar (ID: 57765 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Cassar**

**Vs**

**Kunsill Lokali Zebbug (Malta) u Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma ta' disa' mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm956.97c) rapprezentanti danni kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra li l-Kunsill Lokali Zebbug (Malta) naqas li jipprezenta Risposta ghalkemm b'Ittra datata 23 t'April, 2004 is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill avza li Triq Imdina ma taqax taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill.

Ra r-Risposta ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta fejn l-istess Awtorita' talbet prova tas-surroga, qalet li Joseph Cassar m'ghandu ebda nteress guridiku fil-kawza, li l-incident gara minhabba nuqqas ta' Joseph Cassar u ma kien hemm ebda *pot hole* f'wicc Triq l-Imdina, Haz Zebbug.

**Ikkunsidra**

Illi jirrizulta li l-assigurat tas-socjeta' attrici ghamel rapport li l-vettura tieghu waqghet f'hofra f'Triq l-Imdina, Zebbug. Il-pulizija li nvestiga l-kaz qal li ra l-vettura ta' Cassar kif ukoll il-hofra li ndikalu Cassar. Il-pulizija qal li l-hofra kienet daqsxejn fonda u jekk tghaddi minn go fiha taghmel hsara lill-vettura.

L-attur Joseph Cassar xehed li l-incident gara fid-dlam. Hu kkonferma li huwa assigurat mad-ditta attrici u li l-istess ditta hallset id-danni tieghu hlief ghal hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) *excess*.

Il-Perit John Demicoli qal li kien sar xoghol mill-Awtorita' f'dan il-lokal izda dan sar bejn nofs Dicembru u nofs Jannar. L-incident gara fit-22 ta' Jannar, 2003. L-ahhar darba li sar is-*surface* f'Imdina Road, kien almenu tletin sena ilu. Il-Perit ma setax ikun cert f'liema gurnata sar ix-xoghol.

Illi fil-kawza **Hugh Zammit et Vs Direttur tat-Toroq et (Appell Inf. 23/1/2004)** gie ddikjarat:

"Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors ta' l-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili…L-

enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili."

Illi bhala fatt l-Awtorita' kienet taf li kien hemm bzonn ta' xoghol f'din it-triq u bdiet ix-xoghol f'Dicembru. Meta gara l-incident, kif jirrizulta mix-xhieda tal-pulizija kienet ghadha hemm il-hofra.

Illi ghar-rigward ir-Risposta ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta jirrizulta li gie kkonfermat bil-gurament li GasanMamo Insurance Limited hallset ghad-danni u giet surrogata ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Illi billi Joseph Cassar hallas l-*excess*, sofra danni, u ghalhekk hemm ghandu nteress guridiku f'din il-kawza. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni hi michuda.

Illi l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta sostniet li l-incident gara minhabba negligenza ta' Joseph Cassar izda m'hemm ebda prova ta' negligenza da parti tieghu. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni hi michuda.
Illi r-raba' eccezzjoni hi li ma kien hemm ebda *pot hole* f'wicc Triq l-Imdina. Mix-xhieda ta' l-attur u tal-pulizija u mir-ritratti esebiti jirrizulta li kien hemm hofra u ghalhekk ir-raba' eccezzjoni hi michuda.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta hi unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-istess Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta sabiex thallas is-somma ta' disa' mija u sitta u hamsin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm956.97c) lill-atturi bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali b'dan illi l-atturi ghandhom ihallsu l-ispejjez in konnessjoni mal-Kunsill Lokali Zebbug (Malta) billi l-Kunsill gie mharrek inutilment mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------